MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Talba Numru. 2067/2002

***Atlas Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Marco Grech u l-istess Marco Grech***

***vs***

***Alfred Camilleri***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine et s-somma ta' tlett mija u tlett liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm303.53) rappresentanti danni sborsati in kwantu ghal Lm253.53 mis-socjeta' attrici nomine u in kwantu ghal Lm50 mill-attur bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara l-Pieta' fit-3 ta' Jannar 2002, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAJ 397, habat mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBB

387, proprjeta’ ta’ l-attur Mario Grech u misjuqa minnu, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-4 ta’ Marzu 2002 u dawk ta’ l-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma’ l-avviz tat-talba ghan-notifika ta’ l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax legali b’effett mill-4 ta’ Marzu 2002 kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-16 ta’ Settembru 2002 fejn gie eccepit preliminarjament in-nullita ta’ l-avviz promotur stante illi l-atturi qed jirreklamaw danni ghan-nom ta’ terz – Elmo Insurance Agency Limited – illi mhix parti f’dawn il-proceduri, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez; illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident ‘de quo’ sehh unikament tort ta’ l-attur Marco Grech illi baqa’ diehel goz-zewg bibien tal-genb tal-vettura misjuqa mill-eccipjent; illi f’kull kaz id-danni reklamati huma eccessivi u ezagerati; illi t-talba ta’ l-attur Marco Grech ghas-somma ta’ Lm50 prezubiliment rapprezentanti *“excess”* minnu mhallsa hija insostenibbli; u finalment illi t-talba ta’ l-atturi ghall-ispejjez inkluzi ta’ l-ittra ufficjali hija insostenibbli.

Sema' x-xhieda ta’ PS 1330 Alexander Schembri, ta’ Stephen Conti, ta’ l-attur Marco Grech, tal-konvenut Alfred Camilleri, Rita Gerada u Mario Cutajar
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ Dokumenti AS1 u AS2, konsistenti fir-*road accident report* u l-iskizz ta’ l-incident, Dokumenti SC1 sa SC6 konsistenti fis-*survey report* u r-ricevuti tat-tiswijiet tal-hsarat fil-vettura ta’ l-attur, u d-Dokumenti AC1 esibiit mill-konvenut.

Ra d-digriet tat-22 ta’ Jannar 2003, li permezz tieghu giet awtorizzata l-korrezzjoni fl-avviz fil-parti indikata tad-dettalji dwar it-talba fis-sens illi l-kelma “Elmo” giet imhassar u sostitwita bil-kelma “Atlas”. Illi in vista ta’ dan

id-digriet, il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu.

Ikkunsidra:

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh fi Pjazza San Luqa, il-Pieta u cioe' fil-pjazza ta' l-isptar, fit-3 ta' Jannar 2002 ghal habta tal-hdax ta' fil-ghaxija. Id-dettalji dwar l-incident u l-verzjoni moghtija miz-zewg sewwieqa *a tempo vergine* flimkien ma' l-iskizz tal-habta gew esibiti mill-*investigating officer* PS 1330 Alexander Schembri li jghid ukoll illi kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut peress illi kien instab illi kien qieghed isuq fi stat ta' sokor, liema proceduri kienu ghadhom pendenti.

Il-fatti ta' l-incident huma semplici. L-attur kien qieghed isuq il-vettura tieghu mid-direzzjoni tal-pjazza ta' l-isptar sejjer lejn St.Luke's Road u kien wasal biex jikser ghal go din it-triq vicin il-*construction site* li hemm fil-kantuniera ta' St.Luke's Road mal-pjazza. Il-konvenut min-naha tieghu kien gej mid-direzzjoni ta' St.Luke's Road sejjer lejn l-isptar sabiex iwassal lil siehbu li kellu bzonn jidhol l-isptar b'emergenza. Is-surgent Schembri jghid illi kien difficli ghalih sabiex jistabbilixxi l-*ispot of impact* u indika l-hsarat fiz-zewg vetturi kif rahom dak in-nhar ta' l-incident. Jiftakar illi l-vettura tal-konvenut kellha hsarat fiz-zewg bibien tal-genb in-naha tas-sewwieq.

L-attur ighid illi dak in-nhar ta' l-incident huwa hareg mill-*gate* ta' l-isptar u beda jsuq biex imur lejn id-direzzjoni tal-Hamrun. Huwa dar mal-*construction site* li tinsab fil-kantuniera ta' St.Luke's Road u cioe' vicin il-hajt taghha, sabiex jipprocedi lejn il-Hamrun. Kif huwa dar ma' din il-*construction site*, ra dawl gej ghal fuqu li kienet il-vettura misjuqa mill-konvenut gejja mill-faccata tieghu u baqghet diehla dritt ghal fuqu. Il-hsarat fil-vettura tieghu kienu fil-fanal, *bumper* u anke il-*mudguard* fuq in-naha tad-driver. L-attur isostni illi meta kiser ma' din il-*construction site* huwa dejjem baqa' fil-karreggjata tieghu u indika bl-ittra "X" fuq l-iskizz l-*ispot of impact* tal-vetturi. Mal-habta huwa waqqaf immedjatament fil-posizzjoni milwija kif hemm indikat fl-iskizz tal-pulizija, izda l-konvenut baqa' jsuq u

waqqaf hafna iktar ‘il isfel vicin l-isptar u nizzel zewg passiggieri mill-vettura tieghu. Jikkontendi illi fuq in-naha tieghu tat-triq ma kienx hemm vetturi pparkjati.

Dak in-nhar ta’ l-incident, il-konvenut kien qieghed isuq vettura proprjeta’ ta’ siehbu Mario Cutajar. Fil-vettura mieghu fil-fatt kien hemm dan Mario Cutajar illi huwa kien qieghed iwassal sa’ l-isptar u t-tfajla tieghu Rita Gerada. Mario Cutajar kien rikeb fis-*seat* tal-passiggier filwaqt illi t-tfajla kienet bil-qieghda fuq is-*seat* ta’ wara, ezattament wara l-konvenut. Huwa kien qieghed f’kazin gewwa il-Mile End, il-Hamrun ma’ xi hbieb ghal xi ikla u kien ha madwar tmienja jew ghaxar fliexken birra u xi ftit inbid ma’ l-ikel. Ighid illi huwa ma kellu l-ebda intenzjoni li jsuq wara dan il-festin li kien attenda ghalih u lanqas ma kellu karozza, izda peress illi siehbu Mario Cutajar beda isofri bil-qtugh ta’ nifs, huwa offra li jwasslu l-isptar. Dak in-nhar kienet ukoll ftit tax-xita. L-konvenut jikkontendi illi hekk kif kien qieghed isuq f’St. Luke’s Road u kien wasal vicin il-*construction site*, ra d-dawl tal-vettura misjuqa mill-attur gejja ghal fuqu u hass il-vettura tieghu ticcaqlaq. Huwa pprova jevita l-kollizzjoni billi kiser lejn ix-xellug, izda meta pprova jikkontrolla l-vettura sabiex ma jolqotx il-vetturi li kienu pparkeggjati fuq in-naha tieghu tat-triq, huwa tilef il-kontroll tal-vettura li baqghet tiskiddja u waqqfet fil-posizzjoni li hemm indikat fl-iskizz tal-pulizija. Ighid illi l-hsarat fil-vettura misjuqa minnu kienu fil-genb fuq iz-zewg bibien in-naha tas-sewwieq. Jikkontendi illi wara l-impatt huwa ra l-attur isuq il-vettura tieghu madwar metru lura. Dana rah mill-mera tal-karozza tieghu. Wara l-impatt huwa ma kellimx lill-attur, izda kienu issejjhu l-pulizija. Huwa kien informa lill-pulizija li kien xorob u ghalhekk kien sarlu l-*breathalyser test*. Il-konvenut isostni illi huwa baqa’ dejjem isuq fid-dritt u fuq il-karreggjata tieghu tat-triq. Wara l-incident il-passiggieri rekbin mieghu kienu kellmu lill-pulizija, izda dan ma tnizzilx fl-okkorrenza tal-pulizija.

Rita Gerada tikkonferma illi qabel l-incident hija kient qieghda tattendi festin flimkien mal-konvenut u ma’ Mario Cutajar l-gharus taghha. Meta dan Cutajar beda ihoss qtugh ta’ nifs, hija tallbet lill-konvenut sabiex iwassalhom

sa’ l-isptar. Hija tghid illi l-konvenut ma kienx qieghed isuq bis-sahha u hekk kif wasslu vicin il-*construction site* ta’ St. Luke’s Road, harrget vettura b’velocita’ qawwija. Hi rat mhux biss id-dawl tal-vettura, izda l-vettura wkoll gejja ghal fuqhom ghalkemm kienet riekba wara d-*driver*. Hija ratu l-ewwel darba ‘il boghod ta’ madwar vettura u nofs. Fil-fatt hija rrimarkat lill-konvenut li din il-vettura kienet ser tidhol fihom u sehh l-impatt. Din il-vettura habtet fihom fiz-zewg bibien tal-genb tal-vettura taghhom. Hija tikkontendi illi l-konvenut baqa’ isuq fil-karreggjata tieghu u kienet il-vettura l-ohra li daret bis-sahha ghal fuqhom. Il-vettura misjuqa mill-konvenut, mad-daqqa skiddjat peress illi kienet ix-xita u waqqfet ftit iktar ‘il fuq. Wara l-impatt hi flimkien ma’ Mario dahhlu l-emergenza u meta hargu sabu lill-pulizija li ma kienx kellimhom. Mario Cutajar pero’ kien informa lill-pulizija illi l-vettura kienet tieghu u kienu qalulu illi kienu prezenti mal-konvenut fil-hin ta’ l-incident. Ghalkemm tghid illi kien hemm certu urgenza sabiex jasslu l-isptar peress illi Mario kien qieghed ibati bil-qtugh ta’ nifs, pero’ tichad illi l-konvenut kien qieghed isuq b’xi velocita’.

Mario Cutajar ighid illi meta qabbdu l-qtugh ta’ nifs, kien talab lill-konvenut iwasslu sa’ l-isptar bil-karozza tieghu stess, peress illi l-konvenut kien halla l-karozza tieghu d-dar. Huwa jikkontendi illi l-attur kiser b’velocita’ mal-liwja tal-*construction site* u baqa’ diehel fuqhom. Jiftakar lil Rita Gerada tghajjat *“ara Fred dan gej ghal fuqna”* hekk kif spiccat dan il-kliem il-vettura baqghet diehla fuqhom.

Wara l-impatt il-vettura misjuqa mill-konvenut skiddjat peress illi kienet lx-xita u waqqfet iktar ‘il fuq. Kif nizel mill-vettura, huwa beda jghajjat lis-sewwieq tal-vettura l-ohra il-kliem: *“Mela int hekk tohrog.”* Wara huwa flimkien ma’ Rita dahhlu l-emergenza u ghamlulu l-maskra ta’ l-ossigenu. Wara li harrgu mill-emergenza kien hemm surgent tal-pulizija u kienu kellmuh. Ighid illi l-ewwel darba li lemah il-vettura ta’  l-attur din kienet madwar karozza ‘il boghod minnhom u f’temp ta’ ftit sekondi baqghet diehla dritt ghal fuqhom. Il-vettura misjuqa mill-konvenut skiddjat it-tul ta’ karozza u nofs. Dana huwa l-uniku xhud li ma jaqbilx ma’ l-iskizz tal-pulizija ghaliex jikkontendi illi l-

vettura taghhom waqqfet iktar ‘il isfel minn dak indikat fl-iskizz. Huwa jghid illi meta l-vettura skiddjat, il-konvenut zamm il-brejk u l-vettura waqqfet.

Is-*survey report* u r-ricevuti tal-hsarat gew esibiti minn Stephen Conti, rappresentant tas-socjeta’ attrici bhala Dokumenti SC1 sa SC6. Illi ghandu jinghad illi ghalkemm il-konvenut issolleva eccezzjonijiet in konnessjoni mal-*quantum* tad-danni, madanakollu ma jidhirx li dawn gew ikkontestati matul it-trattazzjoni tal-kawza u lanqas ingiebu provi min-naha tal-konvenut f’dan ir-rigward.

Ikkunsidra:

Illi matul it-trattazzjoni tal-kawza gew stabbiliti zewg fatturi li minn natura taghhom jimmillitaw kontra l-konvenut. Fl-ewwel lok jidher illi l-konvenut kien instab illi kien qieghed isuq fi stat ta’ sokor u dana kif tindika l-okkorrenza tal-pulizija. Huwa stess jammetti illi ghalkemm imdorri jixrob, dak in-nhar ta’ l-incident huwa kien xorob madwar tmien jew ghaxar fliexken birra, kif ukoll tlett tazzi inbid. Milli jidher il-konvenut kien bi hsiebu jaghmel dan u lanqas kien nizel ghall-ikla jew festin li kellu jattendi bil-karozza tieghu. Fit-tieni lok, jidher illi qabel ma sehh l-incident kienet inqalghet emergenza meta siehbu Mario Cutajar tah attakk ta’ qtugh ta’ nifs tant illi huma kellhom jitilqghu minn fejn kienu sabiex imorru b’certu urgenza lejn l-isptar u dana kif tghid Rita Gerada stess in kontro-ezami. Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet preliminari, t-Tribunal ghalhekk jista’ jasal ghal konkluzjoni illi l-konvenut qabel l-impatt ma kienx fi stat mentali u fiziku illi jista’ isuq vettura bl-attenzjoni u l-galbu mehtieg.

Mill-banda l-ohra ghandu jinghad illi minhabba l-*Construction site* li hemm hdejn l-isptar San Luqa, kantuniera ma’ Triq San Luqa, li issa ilha hemm zmien twil, il-vetturi gejjin mid-direzzjoni ta’ l-isptar sejrin lejn Triq San Luqa xi ftit jew wisq iridu jiksru ftit ‘il barra iktar minn normal sabiex huma jkunu jistghu jduru maghha. Din il-*construction site* madanakollu ma tostakolax il-vizwali tas-sewwieqa li ikunu ser iduru maghha ghaliex il-vetturi gejjin

mid-direzzjoni opposta jidhru sew, u lanqas ma jinneccesitaw lis-sewwieq jinvadu l-karreggjata l-opposta.

Dawn il-konsiderazzjonijiet qeghdin isiru minhabba l-fatt illi z-zewg sewwieqa jikkontendu t-tnejn illi huma illi fl-ebda mument la il-wiehed u lanqas l-iehor ma nvadew il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta taghhom.

Illi jidher illi l-attur kien ghadu kemm hareg mill-isptar bl-intenzjoni li jmur lejn il-Hamrun. Illi l-konvenut u x-xhieda prodotti minnu jikkontendu illi l-attur kien qieghed isuq b’sahhtu u kif lewa mal-liwja huwa baqa’ diehel bi speed qawwi ghal fuqhom. Illi dana huwa kemmxejn inverosimili u dana ghaliex l-attur ma setax tella’ xi speed qawwi fid-distanza qasira li tifred il-*gate* ta’ l-isptar minn fejn hareg, sal-kantuniera fejn sehhet il-habta. L-attur jikkontendi illi huwa dejjem baqa’ isuq fil-karreggjata tieghu u hekk kif dar sab il-vettura tal-konvenut ma’ wiccu. Illi mill-iskizz tal-pulizija jirrizulta illi l-vettura ta’ l-attur, li ma’ l-impatt waqqfet, fil-fatt tinsab pjenament fuq il-karreggjata taghha. Illi lanqas l-konvenut ma jikkontesta dan il-fatt anzi d-difensur tieghu jikkontendi illi l-attur kien qieghed fuq il-linja medjana tat-triq u ghalhekk kien ghadu jinsab f’dik il-parti tat-triq li tippermettielu jsuq fiha.

Minn naha tal-konvenut huwa difficli biex wiehed jistabbilixxi f’liema parti tat-triq kien qieghed isuq fil-mument ta’ l-impatt. Jidher bhala fatt illi fuq in-naha tax-xellug tat-triq kien hemm xi vetturi pparkeggjati, kif del resto jidher anke mill-iskizz tal-pulizija, u ghalhekk bil-fors illi l-konvenut kellu jsuq xi ftit jew wisq ‘il barra minnhom. Huwa fatt ukoll mhux ikkontestat illi ma’ l-impatt il-vettura misjuqa mill-konvenut iskiddjat u baqghet miexja ghal distanza mhux hazin.

Il-konvenut ighid illi mad-daqqa huwa tilef il-kontroll tal-vettura u peress illi kienet ukoll ix-xita, l-vettura skiddjat u rnexxielu jikkontrollaha iktar ‘il fuq, kwazi hdejn l-isptar. Dan iwassal lit-Tribunal bil-fors ghal konkluzjoni illi l-konvenut fl-ewwel lok kien qieghed isuq b’velocita’ kemmxejn qawwija, illi fit-tieni lok huwa ma kellux il-

kontroll shih tal-vettura tieghu minhabba li kien jinsab fi stat ta’ sokor, oltre l-fatt illi kellu certu urgenza sabiex ifittex jasal l-isptar. Il-konvenut ghalhekk ma setax ikollu l-kontroll shih tal-vettura fil-mument ta’ l-impatt u ghalhekk x’aktarx illi kien qieghed isuq f’nofs tat-triq tant illi hekk kif l-attur lewa mal-kantuniera sab il-vettura tal-konvenut ma’ wiccu.

Illi inoltre jidher illi ghalkemm iz-zewg xhieda l-ohra li kienu rekbin mal-konvenut ighidu illi huma lemhu l-vettura ta’ l-attur qabel l-impatt distanza ta’ madwar karozza u nofs, il-konvenut ighid illi qabel l-impatt huwa lanqas biss kien ra l-vettura ta’ l-attur, izda ra d-dawl u hass l-impatt. Lanqas  biss jidher illi rrealizza illi Gerada kienet gibditlu l-attenzjoni ghal fatt illi l-vettura ta’ l-attur kienet ser tahbat fihom, tant illi meta l-konvenut induna bil-vettura ta’ l-attur kien tard wisq u ma setax iktar jevita l-kollizzjoni.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi sewwieq fi stat ta’ sokor huwa ta’ periklu fit-triq mhux biss ghalih innifsu u ghal passigieri li jkunu mieghu, izda wkoll ghall-vetturi l-ohra u nies li jkunu jinsabu fit-triq f’dak il-mument. Illi l-konvenut ghalhekk ma messu qatt azzarda jsuq fil-kundizzjoni li kien fiha u x’aktarx illi ghamel dan unikament minhabba l-emergenza li nqalghet. It-Tribunal ukoll isibha inverosimili illi Mario Cutajar li f’dak il-mument kien qieghed ibati b’attakk ta’ qtugh ta’ nifs u kien sejjer b’certu urgenza l-isptar, kellu bizzejjed sahha biex ighajjat lill-attur, mid-distanza li kienet tinsab il-vettura taghhom minn dik ta’ l-attur, sabiex jirrimarkalu dwar is-sewqan tieghu.

Illi fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza meta huwa kien qieghed isuq vettura fi stat ta’ sokor, b’certu velocita’ u minghajr ma kellu kontroll shih tal-vettura misjuqa minnu tant illi kien qieghed isuq lejn nofs it-triq biex b’hekk hekk kif l-attur dar mal-kantuniera huwa sab il-vettura tal-konvenut ma’ wiccu u fuq in-naha tieghu tat-triq. Illi n-natura tal-hsarat fil-vettura tal-konvenut li tinsab mal-*mudguard* u fiz-zewg bibien tal-genb tindika illi din kienet iktar tkaxkira, mid-daqqa wahda u dana peress illi mal-

impatt, il-konvenut baqa' jsuq u ma waqqafx immedjatament peress illi kif diga inghad huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, kif *del resto* jixhed huwa stess.

Illi fir-rigward tat-tielet, ir-raba u il-hames eccezzjoni sollevati mill-konvenut, ghandu jinghad illi l-konvenut fl-ebda mument matul it-trattazzjoni tal-kawza ma kkontesta l-*quantum* tad-danni. Lanqas biss sar il-kontro-ezami ta' Stephen Conti, r-rappresentant tas-socjeta' attrici li kien l-uniku xhud li xehed dwar il-konsistenza tad-danni. Lanqas biss iressaq xi argument legali jew fattwali rigward l-insostenibbilita' tat-talba ta' l-attur ghall-*excess payment* u ghall-ispejjez tal-kawza. Illi ghalhekk it-Tribunal ma jistax jikkonsidra tali eccezzjonijiet fid-dawl illi dawn bl-ebda mod ma gew isostanzjati la fil-fatt u lanqas fid-dritt mill-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza jghaddi sabiex jirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati minnu, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici nomine et. s-somma ta' tlett mija u tlett liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm303.53), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------